MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 118/2015/1

Peter Paul **ENGERER**, Anna Engerer u Alexander Engerer, u b'degiet tal-24 ta' Frar, 2015, isem ir-rikorrenti għandu jaqra Anna Simmons u Alexandra Wampler

vs

Nicholas **ENGERER**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Jannar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimat milli "jitrasferixxi, jassenja, jagħti jew

jiddisponi kwalsiasi dritt reali jew personali, taħt kwalsiasi titolu oneruż jew gratuwitu, kwalsiasi parti mill-fond ossija appartament internament immarkat bin-numru 6, fil-blokk bl-isem ta' "*Amery Court*", fi Triq Amery, tas-Sliema, bi preġudizzju kwalsiasi għad-drittijiet tar-rikorrenti skond il-liġi";

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2015, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-intimat u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Frar, 2015[1], li fih deher avukat imqabbad mill-intimat u laqa' f'ismu n-notifika tal-atti tar-Rikors b'seħħ minn dakinhar;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fl-20 ta' Frar, 2015, li biha laqa' għat-talba billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa mitluba mil-liġi biex it-talba tista' tintlaqa', l-aktar f'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie* vantat mir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-24 ta' Frar, 2015, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrenti jridu jżommu lill-intimat milli b'xi mod jittrasferixxi jew jassenja, kemm b'titolu oneruż u kif ukoll b'wieħed gratuwitu, l-appartament (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-appartament") li jagħmel mill-binja bl-isem ta' "*Amery Court*" fi Triq Amery, f'Tas-Sliema, jew li jgħaddi lil ħaddieħor xi jedd personali jew reali fuq l-istess appartament. Din it-talba qiegħda ssir b'ħarsien tal-pretensjonijiet li r-rikorrenti jgħidu li għandhom kontra l-istess intimat għat-tnaqqis ta' donazzjoni tal-istess appartament mogħti lill-intimat minn omm ir-rikorrenti b'kuntratt pubbliku u liema donazzjoni huma jgħidu li saret bi ħsara għall-jedd tagħhom tas-sehem riżervat mill-wirt tal-imsemmija ommhom u liema pretensjoni huma jgħidu li fi ħsiebhom jiddeduċu b'azzjoni għaldaqshekk quddiem din il-Qorti;

---
[1] Paġ. 15 tal-atti

Tqis li l-intimat jiġi iben ir-rikorrent Peter Paul Engerer u neputi taż-żewġ rikorrenti l-oħrajn;

Tqis li r-rikorrenti jiġu wlied Eric u Rose Mary Engerer li mietu testati[2], rispettivament, f'Mejju tal-2009 u Awwissu tal-2014;

Tqis li b'kuntratt pubbliku tal-5 ta' Mejju, 2011[3], l-imsemmija Rose Mary Engerer tat l-appartament b'titolu ta' donazzjoni lill-intimat;

Tqis li, b'dikjarazzjoni mressqa mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ċivili (Taqsima Ġurisdizzjoni Volontarja), huma irrinunzjaw għall-wirt ta' ommhom Rose Mary Engerer, imma żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom għas-sehem riżervat[4];

Tqis li l-Mandat li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ tiegħu llum huwa wieħed "ġenerali" maħsub taħt l-artikolu 873 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ma tressaqx taħt l-artikolu 874, kif jista' wieħed jaħseb li seta' jsir, sewwasew għaliex ir-rikorrenti għażlu li ma jinqdewx bil-formola ta' Mandat bħal dak, iżda bil-formola tal-Mandat "ġenerali";

Tqis, għalhekk, li ladarba r-rikorrenti għażlu li jressqu t-talba tagħhom taħt is-sura tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali", huma jridu jwettqu l-ġustifikazzjoni tat-talba tagħhom skond l-għażla li għamlu u ma jistgħux jistrieħu biss fuq il-fatt limitativ tal-eżistenza tal-pretensjonijiet tagħhom li qegħdin jgħidu li fi ħsiebhom imexxu 'l quddiem b'kawża li għad iridu jiftħu;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[5];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 4 – 8 tal-atti
[3] Dok "B", f'paġġ. 9 – 11 tal-atti
[4] Dok "D", f'paġ. 22 tal-atti
[5] Art. 873(1) tal-Kap 12

soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[6]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[7];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[8]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-għaref difensur tal-intimat qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-proċedura meħuda mir-rikorrenti minħabba li naqsu li jindikaw ammont tal-pretensjoni tagħhom, kif il-liġi titlob li għandu jagħmel kull min jitlob il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju[9];

Tqis li, b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[10]. Dan jingħad aktar meta l-kwestjoni titqajjem bħala sottomissjoni waqt it-trattazzjoni tal-għeluq bla ma tkun ġiet imqanqla formalment fit-Tweġiba;

---

[6] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[7] Art. 875(3) tal-Kap 12
[8] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[9] Art. 831(1) tal-Kap 12
[10] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

Tqis li huwa tabilħaqq minnu li r-rikorrent *nomine* fl-ebda parti mir-rikors tiegħu ma jsemmi xi somma li huwa jrid iħares bit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, imma l-liġi ma titlobx bilfors it-tismija ta' kreditu, imma ta' "pretensjoni". Kemm hu hekk, huwa minnu li, fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, normalment ma tidħolx kwestjoni ta' tismija ta' ammonti u valuri, l-aktar fejn il-jedd li l-parti rikorrenti tkun qiegħda tikkawtela jkun xi jedd li ma jissarrafx fi flus (kemm hu hekk, jingħad li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tiġi nieqsa jekk kemm-il darba l-jedd li r-rikorrent ikun irid iħares jista' jingħata rimedju dwaru b'azzjoni għad-danni);

Tqis li meta wieħed jifli sewwa x'inhi r-raġuni li għaliha r-rikorrrenti jridu li l-intimat jinżamm milli b'xi mod jittrasferixxi jew jassenja l-appartament jew xi jedd tiegħu fuqu, u f'liema qafas ta' ċirkostanzi qiegħda ssir talba bħal din, wieħed minnufih jiddistingwi din iċ-ċirkostanza minn oħra fejn il-pretensjoni tkun tikkonsisti f'talba kwantifikabbli f'somma determinata jew determinabbli;

Tqis li ladarba r-rikorrenti iddikjaraw espressament li l-għan tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat huwa li jikkonservaw l-assi tal-wirt ta' ommhom ħalli jkunu jistgħu jissoddisfaw il-pretensjoni tagħhom għas-sehem riżervat dovut lilhom mill-istess wirt, il-pretensjoni ma tistax titqies biss bħala waħda ta' kreditu, imma titlob li l-ħaġa nnifisha – f'dan il-każ l-appartament – tinżamm bla mittiefsa. Għaliex hija dik il-ħaġa nnifisha li jkollha terġa' tiddaħħal lura fl-assi tal-wirt, jekk tabilħaqq joħroġ li d-donazzjoni magħmula minn omm ir-rikorrenti kienet taqbeż is-sehem li hija setgħet tiddisponi minnu bi ħsara tal-jedd tagħhom għas-sehem riżervat[11];

Tqis għalhekk, ladarba t-talba tar-rikorrenti hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-fatt li huma jixtiequ jħarsu l-interessi tagħhom biex jieħdu s-sehem riżervat lilhom imħolli skond il-liġi, u l-biżgħa li jitilfu tali ħarsien jekk kemm-il darba ma kellhiex tintlaqa' t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat, jikkostitwixxi fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tismija tal-pretensjoni li l-liġi titlob mir-rikorrenti. L-għamla ta' rimedju mitlub huwa wieħed konservattiv tal-istat ta' fatti u dak li jista' jintalab bis-saħħa tal-Mandat "speċjali" m'għandux ma jkunx ukoll jista' jintalab bis-saħħa tal-Mandat "ġenerali" taħt l-artikolu 873, jekk kemm-il darba jintwerew l-elementi meħtieġa li ssemmi l-liġi;

Tqis li l-jedd *prima facie* li r-rikorrenti jippretendu li għandhom f'dan ir-rigward hu dak li jitolbu li jingħataw is-sehem riżervat. Ladarba huma

[11] Artt. 1814, 1818 u 1819 tal-Kap 16

irrinunzjaw għall-wirt u żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom għal dak is-sehem, dan huwa jedd li, mad-daqqa t'għajn, joħroġ ċar biżżejjed;

Tqis għalhekk li l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn jirriżulta li huwa soddisfatt;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-egħmil li r-rikorrenti jridu jżommu lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib li dan l-element jirriżulta wkoll. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, f'dan il-każ, il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tirriżulta għaliex, kif ingħad qabel, jekk kellu joħroġ li d-donazzjoni tal-appartament magħmula favur l-intimat kienet lil hinn mis-sehem li omm ir-rikorrenti setgħet tiddisponi minnu, l-istess appartament ikollu jintradd lura fl-assi tal-wirt biex sehem ir-rikorrenti jkun jista' jinġabar;

Tqis li wieħed m'għandux jinsa li t-talba tal-Mandat tal-lum hija waħda li hija maħsuba li tikkonserva bla mittiefes u fl-istat attwali l-ġid tal-wirt ta' Rose Mary Engerer li għalih il-Mandat jista' jirreferi;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dan l-element mitlub mil-liġi jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** għall-ħruġ tal-Mandat billi ntwera li jeżistu l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

**Tordna** li l-intimat iħallas **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

---------------------------------TMIEM---------------------------------